**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**LAQGĦA STRAORDINARJA SEDUTA NUMRU 36/07 - 10 ta' Ġunju 2015 fis 18:00pm**

| | | |
|---|---|---|
| *PAUL FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *skużat* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | *skużata* |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIERA* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**AĠENDA**

1. Stqarrija għall-Istampa
2. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressjeda l-laqgħa.**

Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li żewġ Kunsillieri talbu biex ikunu skużati mil-laqgħa tal-lum. Il-Kunsilliera Doris Vella talbet li tkun skużata minħabba li kienet ser tkun imsiefra filwaqt li l-Kunsillier Ismael Dalli talab li jkun skużat minħabba xogħol.

Il-Kunsill unanimament approva li dawn iż-żewġ Kunsillieri jkunu skużati għal din il-laqgħa.

Is-Sindku ta' merħba lis-Sur Luke Genuis bħala l-Kunsillier ġdid. Il-Kunsillieri kollha preżenti flimkien mas-Seg. Eżek. ingħaqdu mas-Sindku u taw merħba lis-Sur Genuis.

## 1 Stqarrija għall-Istampa

i. Is-Sindku Paul Farrugia qal li fuq is-sit ta' FACEBOOK *"IRRIDU LIL JOSEPH ABELA LURA SINDKU"* kienu qed isiru diskorsi malfamanti.

ii. Is-Sindku qara post li dehret f'din il-paġna ta' FACEBOOK.

iii. Il-Viċi Sindku Keith Darmanin staqsa lis-Sindku min kien kiteb dan il-post. Is-Sindku wieġbu li dan kien post imtella' mill-Ex Sindku s-Sur Joseph Abela fejn kien qed jirrispondi post mtella' mis-Sur Mario Fava.

iv. Is-Sindku kompla li ħa parir legali u ġiet ippreparata Stqarrija bi tweġiba għal din il-post tas-Sur Joseph Abela.

v. Is-Sindku Paul Farrugia qara l-Istqarrija hekk kif proposta.

vi. **Mozzjoni 1**

vi.i IS-Sindku Paul Farrugia ppropona u l-Kunsillier Lawrence Bonavia ssekonda li din l-Istqarrija tintbgħat lill-mezzi kollha tax-xandir inkluż gazzetti, tv u radios kif ukoll li kemm il-post tas-Sur Joseph Abela kif ukoll l-Istqarrija bi tweġiba jittellgħu fil-FACEBOOK page tal-Kunsill Lokali

vi.ii Il-Kunsill qabel unanimament li ssir l-Istqarrija u tintbgħat lill-mezzi kollha tax-xandir kif ukoll titla' fuq FACEBOOK page tal-Kunsill.

vi.iii Kopja tal-post kif ukoll tal-Istqarrija qed tkun annessa ma dawn il-Minuti 36/07

## 2. Għeluq tal-Laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-18:30pm.

**Paul Farrugia**
**Sindku**

**Antonella Galea**
**Seg. Eżek**